*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,349, 31 ta' Jannar, 2003*
*Taqsima B*

**A.L. 54 ta' l-2003**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti ta' l- 2003 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - ippubblikati bħala Avviż Legali 31 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**Applikabilita'**

2. (1) Ir-regolament 3 għandu japplika mill-1 t'Ottubru 2002 'il quddiem.

(2) Ir-regolamenti 4 u 5 għandhom japplikaw mis-7 ta' Ġunju 2002 'il quddiem.

**Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kumitat għandu jikkonsidra applikazzjonijiet għall-M.Phil. minn kandidati li għandhom grad tajjeb bl-Unuri (normalment mhux inqas

mit-Tieni Klassi (Taqsima Superjuri)) minn din l-Università' jew università' oħra jew kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat."

**Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali**

4. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Teżi għall-Ph.D. m'għandhiex tkun ikkunsidrata jekk tiġi sottomessa aktar tard mill-perijodu massimu permess fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jekk mhux f'ċircostanzi speċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat, is-Senat jagħti lill-istudenti estensjoni tal-perijodu ta' studju wara l-perijodu massimu."

**Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali**

5. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) L-istudji għall-grad ta' M.Phil. għandhom jestendu fuq dawn il-perijodi:

(a) mhux anqas minn ħmistax-il xahar u mhux aktar minn tlett snin fil-każ ta' studji fuq bażi *full-time*;

(b) mhux anqas minn tletin xahar u mhux aktar minn ħames snin fil-każ ta' studji fuq bażi *part-time*.

(2) Dissertazzjoni għall-M.Phil. m'għandhiex tkun ikkunsidrata jekk tiġi sottomessa aktar tard mill-perijodu massimu permess fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jekk mhux f'ċirkostanzi speċjali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat, is-Senat jagħti lill-istudenti estensjoni tal-perijodu ta' studju wara l-perijodu massimu."

**L.N. 54 of 2003**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil. - Degrees Course (Amendment) Regulations, 2003**

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 30 (5) and 31 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following regulations made by the Senate of the University of Malta by virtue of the powers conferred upon it by sections 31 and 35 of the said Act:

**Citation**

1. These regulations may be cited as the Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil. - Degree Course (Amendment) Regulations, 2003 and shall be read and construed as one with the Regulations for the Degree of Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil. - Degree Course Regulations, 1998, published as Legal Notice 31 of 1998, hereinafter referred to as "the principal regulations".

**Applicability**

2. (1) Regulation 3 shall be applicable from 1st October 2002 onwards.

(2) Regulations 4 and 5 shall be applicable from 7th June 2002 onwards.

**Amendment of regulation 5 of the principal regulations**

3. For paragraph (2) of regulation 5 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"(2) The Committee shall consider applications for the M.Phil. degree from candidates who possess a good Honours degree (normally not below

Second Class (Upper)) of this or another University or qualifications of comparable standard recognised for this purpose by the Senate."

**Amendment of regulation 6 of the principal regulations**

4. For paragraph (2) of regulation 6 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"(2) A Ph.D. thesis shall not be considered if submitted later than the maximum period allowed in paragraph (1) of this regulation, unless in special circumstances, on the recommendation of the Board and the Committee, the Senate grants students an extension of studies beyond the maximum period."

**Amendment of regulation 7 of the principal regulations**

5. For paragraphs (1) and (2) of regulation 7 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"7. (1) Studies for the M.Phil. degree shall extend over the following periods:

(a) not less than 15 months and not more than 3 years in the case of full-time studies;

(b) not less than 30 months and not more than 5 years in the case of part-time studies.

(2) An M.Phil. dissertation shall not be considered if submitted later than the maximum period allowed in paragraph (1) of this regulation, unless in special circumstances, on the recommendation of the Board and the Committee, the Senate grants students an extension of studies beyond the maximum period."